MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 600/2007

**E. Grech Cristal Bath Limited (C13298)**

**vs**

**Joseph u Helen konjugi Azzopardi**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta` attrici wara li ppremettiet li:

1. Il-konvenuti ghandhom jaghtu lis-socjeta` attrici E. Grech Cristal Bath Ltd is-somma komplessiva ta` Lm6,253.01 liema somma tirraprezenta bilanc minn somma akbar dovuta bhala prezz ta` diversi oggetti u apparat tal-kmamar tal-banju li s-socjeta` attrici ikkonsenjat lill-istess intimate fuq inkarigu u struzzjonijiet

taghhom stess kif jirrizulta mill-anness rendikont mmarkat Dokument “A”;

2. Minkejja li l-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex jhallsu l-import ta` dawn il-fatturi msemmija fir-rendikont hawn anness anke permezz ta` ittra ufficcjali datata 20 ta` Settembru, 2005 (Dokument ‘b’), l-intimati baqghew inadempjenti;

3. Fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti dan id-dejn huwa veru, cert, likwidu u dovut u l-intimati ma ghandhomx eccezzjonijiet xi ggibu ghat-talba ta` hlas tas-socjeta` rikorrenti;

4. Ghalhekk dan jaghti d-dritt lis-socjeta` rikorrenti sabiex tipprocedi kontra l-intimati bi procediment sommarju specjali kif provdut fl-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, kif fil-fatt qed taghmel;

5. Ghalhekk l-intimati talbu ghaliex m`ghandhiex din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, u tikkundanna, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, lill-intimati jhallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma komplessiva ta` Lm6,253.01 rapprezentanti l-import totali tal-fatturi imsemmija fir-rendikont, liema somma ghadha sal-lum dovuta lis-socjeta` E. Grech Cristal Bath Limited bl-imghaxijiet legali mid-data rispettiva ta` kull fattura sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficjali datata 20 ta` Settembru, 2005, tal-mandat ta` qbid kawtelatorju numru 1732/06LM kontra l-intimati li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici E. Grech Cristal u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-konvenuti Azzopardi debitament notifikati fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghu kontumaci u msejjhin tlett darbiet lanqas ma deheru.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Tiddeciedi billi tilqa` t-talba tas-socjeta` attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-imghax mitlub u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------